**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 203/2020**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Trevor Micallef)**

**Vs**

**Duminku Cassar**

**Illum, 9 ta' Novembru 2022;**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva nhar it-3 ta' Gunju 2020 kontra l-imputat:

> "**Duminku Cassar**, detentur tal-karta tal-identita' numru 119663M.
>
> U akkuzatu talli f'dawn il-Gzejjer, fl-1 ta' Gunju 2020 u fil-gimghat/xhur ta' qabel, f'hinijiet differenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li

jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda *(Art. 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

Ikkaguna lil martu Grace Cassar u lir-ragel ta' bintu Francois Borg biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra il-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-artikolu *(Art. 251B u 251H (a)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, heddidt lil Grace Cassar u lil Francois Borg *(Art. 339(e) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*

Akkuzat aktar talli nhar it-2 ta' Gunju 2020 ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta' wara nofs in-nhar (02:45pm) zamm gewwa 80, Settembrina, Triq il-Bizantini, Qrendi u/jew fil-vicinanzi jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn dan il-fond jew id-dintorn tieghu arma tan-nar tal-ghamla Starter Automatic pistol u BSA Air Sporter jew munizzjon elenkat fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja taht l-Att 480 *(Taqsima III, Art 5(1) Kap 480);*

Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi. *(Art. 141 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

IL-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' Grace Cassar u ta' Francois Borg skond l-artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

> Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Grace Cassar u Francois Borg, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Il-Prosekuzzjoni titlob li dan il-kas jigi investigat skond il-Ligi."[1]

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuza meta gie imressaq b'arrest quddiem il-Qorti fit-3 ta' Gunju 2020.[2]

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-Prosekuzzjoni[3].

Rat in-nota tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar il-hmistax (15) il-jum tax-xahar ta' Gunju elfejn u ghoxrin (2020) fejn fiha elenka l-artikoli 17, 18, 31, 533, 215B, 251(H) (a)(b), 339(e), 141, 383, 384 u 385 u 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta bhala il-bazi tal-akkuza.[4]

Rat illi l-imputat ma oggezzjonax u ta l-kunsens tieghu biex jigi ggudikat minn din il-Qorti fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2020[5], u konsegwentament dik il-Qorti rrisolviet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

---

[1] A folio 1-4 tal-process.
[2] A folio 3 tal-process.
[3] A folio 18 tal-process.
[4] A folio 129 tal-process.
[5] A folio 131 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semget is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan hu kaz li jirrigwarda rapport li sar l-ghassa taz-Zejtun nhar it-tnejn (2) ta' Gunju 2020 minn Francois Borg (K.I. 45888M), Grace Cassar (K.I. 621663M), Miriam Cassar (K.I. 174800L), u Jessica Borg (K.I. 192592M) ilkoll familjari tal-imputat.[6] Dawn tal-ahhar allegaw li l-imputat Duminku Cassar f'dawn l-ahhar jiem, gimghat u sahansitra snin kien qed jheddidhom b'mod fiziku kif ukoll psikologiku li ser ipattijielhom u li ser jaghmlilhom hsara. Allegaw ukoll li qed izomm xi armi ipprojbiti ghax ma ghandux licenzja. Jidher ukoll li qabel hadu xi forma ta' azzjoni mal-pulizija, kellmu xi hbieb tal-individwi koncernati li kkonfermaw li dan l-ahhar zmien l-imputat kien qed juza u igib ruhu b'mod aggressiv u qal xi diskors iebes fil-konfront tal-familjari tieghu meta kien maghhom. Duminku Cassar gie arrestat fit-2 ta' Gunju 2020, inghata d-dritt skont il-ligi u rrilaxxa stqarrija.[7] Waqt l-istqarrija hu cahad li qatt hedded lil martu pero' ammetta li kif ikollu kulhadd kellu argumenti maghha. Jichad li martu tibza' minnu. Jikkonferma li inqala' argument fuq batterija ta' vettura wara li gie

[6] A folio 7 sa 12 tal-process.
[7] A folio 13-16 tal-process.

mill-Awstralja u meta kien kwarantina. Francois Borg kien ukoll ibblukkjah minn fuq Facebook wara l-incident. Cahad ukoll li qal kliem fis-sens li kien ser iwegga' lil Francois. Jikkonferma li huwa mugugh fuq l-allegat atitudni ta' Francois Borg u dan ikkonfermah ukoll ma' shabu Victor u Censu Farrugia. Jikkonferma li ma ghandux licenzja tal-armi u li kien sabhom missieru u zammhom bhala rikordju tieghu. Jghid li lanqas balal ma ghandu taghhom. Fl-ahhar jghid li huwa kellu seba' mitt sena biex jigi lura mill-Awstralja biex jara lill-familjari tieghu pero' huma kienu bierda mieghu.

**Il-Provi**

L-akkuzat gie pprezentat taht arrest quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta nhar it-tlieta (3) ta' Gunju 2022. Huwa ma nghatax il-helsien mill-arrest ghalkemm dan gie akkordat sussegwentement ossija fl-10 ta' Gunju 2022.[8] Waqt il-prezentata gew ezebiti zewg armi mill-ufficjal investigattiv u prosekutur.[9]

Xehdet **WPS 219 Erika Galea Abela** li stqarret li kien baghat ghaliha l-Assistent Kummisarju Sandro Gatt u qalilha biex tiehu r-rapport lil Francois Borg. Dan ir-rapport kien jirrigwarda vjolenza domestika. Hija kkonfermat ir-rapport mehud minnha[10]. Tghid li lil Duminku Cassar pero' hija ma kellmitux. In kontro-ezami wiegbet li l-kliem ta' allegat theddid fil-konfront ta' Francois Borg gie imwassal lilu minn terzi u mhux mill-imputat. Borg ma wriex messaggi ghalkemm fir-rapport ghamel referenza ghalihom. Tikkonferma li l-parte civile tkellmu fuq kliem u theddid.[11]

[8] A folio 117 tal-process.
[9] A folio 22 tal-process.
[10] A folio 7 tal-process
[11] A folio 30 tal-process.

Xehed **PC 1193 Ryan Zammit** li kkonferma li l-imputat ma ghandux licenzja ghall-armi mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.[12]

Xehed **PS 639 Jean Mark Mangion** li spjega li huwa intbaghat fir-residenza 80, Settembrina, Triq il-Bizantini, Qrendi biex jigbor xi armi li setghu kienu minghajr licenzja. Jikkonferma li eleva xi armi u hareg ircevuta li qieghda ezebita fil-process.[13]

Xehed **Charles Grima** li kkonferma li l-imputat huwa *assistant rescue officer* mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u jahdem Delimara Fire Station.[14]

Xehed **Francois Borg** li spjega li huwa r-ragel ta' Jessica li tigi bint l-imputat. Jghid li fit-23 ta' Marzu tas-sena 2020 huwa, il-mara ta' Duminku Grace u bintu l-ohra Miriana kienu qed jghixu mieghu u ma' martu minhabba li Duminku kien kwarantina peress li kien ghadu kif gej mill-Awstralja. Ikkonferma l-incident tal-batterija u cioe' li cemplu lill-akkuzat u dan irrifjuta li johrog il-batterija barra u kellu jidhol ghaliha gewwa u meta wasal lura d-dar baghtlu messagg li kien jghid: 'minhabba l-egoizmu tieghek jiena ha niccahhad minn ommi u missieri'. Ikkonferma li dan il-messagg ghadu ghandu. Jghid li dejjem baqa' pass lura minn kliemu ma' Duminku pero' dak in-nhar ibblukkah fuq Facebook. Dan ghamlu biex jipprevjeni xi diskors zejjed. Isostni li martu imwerwra minn missierha, l-imputat, ghax kollox kif jghid u jrid hu. Jikkonferma li fuq dan l-incident Duminku cempel lil omm ix-xhud. Jishaq li l-habib komuni taghhom Victor pprova jirrangahom pero' kien kollu ghalxejn u bl-inkwiet Jessica, martu, ziedet il-pirmli.

[12] A folio 35 tal-process.
[13] A folio 39 sa 42 tal- process.
[14] A folio 43 tal-process.

Kontro ezaminat qal li Victor qallu li Duminku irrabjat mhux ftit mieghu. Mistoqsi mid-difiza s-segwenti, ix-xhud wiegeb:

*"Dr. Marion Camilleri: Ara nghidx sew illi lilek Duminku qatt ma heddek, igifieri lilek personalment qatt.*

*Francois Borg: Lili personalment qatt ma heddidni.*

*Dr. Marion Camilleri: Qatt ma qallek kliem.*

*Francois Borg: Qatt ma affacjani just.....*

*Dr. Marion Camilleri: Igifieri dak kollu li xehed illum kollha qalulek nies ohra.*

*Francois Borg: Kollha qaluli terzi persuni u anki smajtu fil-konfront ta' recordings. Li t-tifla haditlu waqt li kienet imbezza' ghax simultaneously…….* [15]

*………………………………………….*

*Dr. Marion Camilleri: Igifieri dak kollu li inti qieghed tixhed ghat dak kollu li smajt.*

*Francois Borg: Ezatt."*[16]

Xehdet **Grace Cassar** li tghid li hija l-mara tal-imputat. Tghid li ilhom mizzewgin mill-1989. Tikkonferma l-incident tat-23 ta' Marzu 2020 li beda waqt il-kwarantina ta' zewgha meta it-tifla waqfitilha l-vettura u

---

[15] A folio 57-58 tal-process.
[16] A folio 59-process.

kellha bzonn batterija ohra.[17] Tikkonferma li wara dan l-incident l-imputat baqa' irrabjat ghal Francois. Tikkonferma li iggieled ukoll mal-mara ta' Francois u ma riedx li jersqu aktar lejn id-dar. Tghid li kien jheddidha u hija ma setetx tara lil ommha u lil missierha. Maz-zmien hu minflok ikkalma beda jsir aktar aggressiv fit-theddid tieghu. Dan il-kliem qalu fil-konfront ta' Francois. Tghid li hija tibza' minn zewgha u li '*bdejt nibza li ha jaghmel xi wahda kbira*'. Tghid li gieli hedded lilha ukoll.[18] Tispjega li cahhadha mill-familja taghha. Tikkonferma li kellu revolver li jzommu fil-komodina hdejn is-sodda tieghu u arma ohra li jzomm fil-kcina. In kontro-ezami tghid li l-armi kienu ilhom id-dar u ma ngabux in konnessjoni mal-argument. Li beda jhedded lir-ragel ta' bintha beda jinkwetaha ukoll. Hi qatt ma rat lill-imputat jaghmel xi haga lil Francois pero kien jghid kliem aggressiv fuqu. Id-diskors dejjem jiggrava ghax it-theddid beda jizdied.

Xehdet **Jessica Borg** li tigi bint l-imputat.[19] Tghid li missierha dejjem jghajjat maghhom u jsabbat. Ohtha qabadha *panic attack* ghax kien ser jinqala' hafna inkwiet. Tghid li meta kienet tghix ma' ommha u ma' missierha dan tal-ahhar gieli kien ikun vjolenti maghhom.[20]

Xehdet **Miriam Cassar** bint l-imputat. Hija kkonfermat dak li qalu l-familjari taghha dwar l-incident tat-23 ta' Marzu 2020.[21] Tghid li bdiet tibza' li hu ser isawwat lir-ragel ta' ohtha u l-affarijiet bdew jiggravaw. Tghid li hu qatt ma heddidhom bl-armi li kellu d-dar. Tghid illi l-imputat qal lil ommha li mhux qed jibza' li jmur Rahal il-Gdid, ossija il-habs. Tghid li tant tibza' minn missierha li dejjem fil-kamra taghha u tohrog xi kultant biex tiekol u forsi tmur sal-banju. Tghid li lilha qatt

[17] A folio 61 tal-process.
[18] A folio 63-64 tal-process.
[19] A folio 70 tal-process.
[20] A folio 75 tal-process.
[21] A folio 77 tal-process.

ma sawwatha pero’ jekk ma taqbilx mieghu jigi ghalik bil-ponn. Tikkonferma li dawn l-affarijiet ghaddiet minnhom personalment. Tghid hija hadet ir-*recordings* li hemm fic-CD prezentat. Tispjega li l-arma kienet tkun fil-kcina u bil-*bullets* hdejha. Tghid li hija ma tafx li ghandha nanna ghax dejjem cahhadha minnha.

Xehed **Victor Schembri** jghid li huwa habib tal-imputat u jafu tramite habib iehor Censu. Jaf lil Francois tramite Duminku u dan tifel sew. Pero’ meta semmielu lil dan tal-ahhar infaqa’ u lill-imputat qatt ma rah irrabjat daqshekk. Beda jghid li mhux ragel.[22] Dan gara xi l-25 ta’ Marzu tal-2020. Kien qed jarah nervuz dik il-habta. Skont ix-xhud Francois ried jirranga ma’ Duminku. Pero’ dan tal-ahhar ma riedx jirranga. Rah inbidel u ma baqax cajtier. Kontro ezaminat jikkonferma li hu kien inkwetat fuq Duminku li seta’ jaghmel xi wahda kbira.

**Vince Farrugia** xehed fl-10 ta’ Gunju 2020 u jikkonferma li ilu jahdem mal-imputat 21 sena.[23] Qatt ma kellu problemi mieghu fil-protezzjoni civili. Jghid li kemm huwa kif ukoll Francois hbieb tieghu u jigu hdejh l-ghalqa Hal-Safi. Jikkonferma li jaf bl-argument bejn it-tnejn u li Duminku ried ipattihielu lil Francois. Jikkonferma li wara l-argument kien jarah dejjem irrabjat u kien qallu biex jikkalma. Kontro ezaminat jghid li il-kliem aggressiv u l-espressjoni “*gebel ma gebel jiltaqa’*” qalulu darba biss.

Xehed dak iz-zmien l-ispettur Tevor Micallef, illum supretendent, fejn spjega r-rwol tieghu fl-investigazzjoni.[24]

[22] A folio 89 tal-process.
[23] A folio 99 tal-process.
[24] A folio 112 tal-process.

Waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2021 xehed minn jeddu l-imputat Duminku Cassar.[25] Jikkonferma li mar l-Awstralja u malli gie lura qaghad kwarantina. Jikkonferma ukoll il-verzjoni moghtija mill-familjari tieghu dwar il-batterija tal-vettura ta' bintu iz-zghira kif ukoll il-messagg li baghtlu Francois. Jghid li lit-tifla ghamillha *clinic* halli tahdem ta' *speech therapist* u hadha bi kbira li qed jghidulu egoist. Hu jghid li cempel lill-genituri ta' Francois wara li hu l-allegat vittma qallu li l-genituri tieghu jafu b'kollox. Jichad li mal-mara kellu xi glied. Jghid li lir-ragel tat-tifla ihobbu daqs wiehed minn uliedu u wegga' meta ircieva l-messagg minn ghandu. Dejjem hadem ghalihom u qatt ma cahhadhom minn xejn. Jichad lil qal lil Censu Farrugia u Victor li ma riedx jirranga ma' Francois. Jghid li s-*Civil Protection* jahdem 24 siegha u wara meta jasal id-dar jaghmel xi haga ghal rasu. Lil Francois kellmu darba fuq il-batterija minn meta gie l-Awstralja. Jghid li meta cemplitli it-telefon Jessica hija bdiet tgholli lehinha u hu gholla lehnu ukoll. Jishaq li hu kien igerger fuq din is-sitwazzjoni u xejn aktar. Hu jghajjat ghax ma kienx qed ikollu risposti fuq id-domandi tieghu. Jikkonferma li lil Francois qatt ma kellmu personalment. Jikkonferma li qal xi diskors lil Censu pero' kien irrabjat u eccitat anzi inkwetat aktar milli irrabjat. Kontro-ezaminat jghid li lil Francois ihobbu daqs uliedu u meta xi hadd qal li huwa kellu incidenti familjari qabel din tal-batterija qed jigdbu. Hu ddispjacut ghax il-fanilja dejjem habbha. Fuq domandi tal-parte civile l-imputat jghid li qatt ma hedded lil martu jew xi familjari ohra bl-armi. Jghid li l-armi izommhom rikordju ta' missieru u xejn aktar. Hu jghid li l-armi taf bihom il-mara pero' t-tfal ma jafx kif jafu bihom. Jikkonferma li zmien ilu kellu argument ma' Jessica ghax ma dahhlitx fil-hin.

[25] A folio 134 tal-process.

Xehed id-Direttur Generali tal-Protezzjoni Civili ta' dak iz-zmien is-Sur **Emanuel Psaila** fit-13 ta' Jannar 2021 u qal li l-imputat huwa persuna ezemplari u ubbidjenti.[26]

Regghet xhedet in kontro ezami **Grace Cassar**, mart l-imputat, fejn qalet li qatt ma ratu juza l-armi fuq in-nies imma li dejjem tkun *stand-by* hemm.[27] Hi tghid li meta jkun bin-nervi ikun naqra aggressiv. Isabbat, jghajjat u jkisser. Fuq l-incident ta' zmien ilu meta it-tifla damet barra tghid li beda jghajjat maghha u kien ser isawwatha u hija dahlet f'nofshom, pero' ma sawwathiex. Hadilha l-karrozza ghal ftit granet ukoll. Tghid li kellha tohrog tahdem ghax qatghalha xi flus u wara beda jaghtiha kemm tghaddi. Dan gara minhabba li beda jallega li qed tonfoqlu u tisraqlu l-flus. Tikkonferma li bdew il-proceduri ta' separazzjoni. Tispjega li l-flus li ghandha sekwestrati minn fejn gabithom. Ratu jispara bl-*airgun* fuq il-wizghat.

Xehed **Daniel Abdilla** in rapprezentanza tal-HSBC.[28] Jghid li l-protafol tal-koppja Cassar hu ta' €151,903.

Xehdet **Grace Cassar** waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 u rrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli.[29]

Xehed **Anthony Pisani** waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2022 u jghid li ilu jaf lil Duminku Cassar fuq ix-xoghol ghal diversi snin u ma jafx li qatt kellu problemi.[30]

---

[26] A folio 163 tal-process.
[27] A folio 165 tal-process.
[28] A folio 171 tal-process.
[29] A folio 182 tal-process.
[30] A folio 198 tal-process.

Xehed **Joseph Farrugia** fl-4 ta’ Mejju 2022 u qal li ilu jaf lil Duminku Cassar u il-familja Cassar in generali hafna snin u qatt ma jaf li kien problemi bejn il-familja tieghu.[31]

Xehdet **Marica Farrugia** fl-4 ta’ Mejju 2022 u tghid li taf lill-familja Cassar ghal hafna u dejjem rathom familja ezemplari. Tixhed li qatt il-mara tal-imputat ma qaltilha li kien hemm xi problemi mar-ragel.[32]

Xehed **David Borg Saydon** u hu jghid li ilu jafu fuq ix-xoghol ghal hafna snin u jghid li qatt ma kellu problemi mieghu.[33]

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Jibda biex jinghad li l-Qorti ghandha akkuzat bi zmien definit osija ,’**fl-1 ta’ Gunju 2020 u fil-gimghat/xhur ta’ qabel, f’ hinijiet differenti, f’ dawn il-Gzejjer**’, jigifieri hija marbuta b’avveniment u grajjiet li graw fl-1 ta’ Gunju 2020 u fix-xhur ta’ qabel li kif tghallimna l-gurisprudenza nostrana jistghu iwasslu sa ftit xhur qabel dik id-data, ossija l-1 ta’ Jannar 2020. Dunque dak li gara u gie rrappurtat fl-atti li gara jew li seta’ gara qabel dan il-perjodu mhux ser jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti. Dawn huma il-parametri tal-akkuza u b’hekk min issa huwa imsejjah biex jiggudika, jrid u ma jridx irid joqghod fuq dawn il-parametri. X’gara snin ilu jew f’perjodu differenti ’l barra minn dawn il-parametri mhux ser jittiehed in ezami minn din il-Qorti. F’dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza **Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs Joseph Demanuele** (App. Nru.

[31] A folio 200 tal-process.
[32] A folio 202 tal-process.
[33] A folio 204 tal-process.

138/2015) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Edwina Grima nhar it-30 ta' Ottubru 2020 fejn intqal:

> *'Illi allura gjaladarba z-zmien indikat fl-akkuza jirrigwarda is-sena 2005 u x-xhur ta' qabel (u mhux is-snin ta' qabel) jidher li l-appellant ghandu ragun f' dan l-aggravju minnu ntentat, kif jikkoncedi ukoll l-Avukat General fis-sottomissjonijiet minnu maghmula……'*[34]

**Ikkunsidrat:**

Ghalkemm il-gudikant jista' jkun rinfaccat b'zewg verzjonijiet li xi whud jistghu jkunu konfliggenti jistghu isehhu zewg affarijiet u cioe' jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx sodisfacentement ippruvat skont il-ligi u allura awtomatikament il-Qorti ghandha tillibera lill-imputat mill-akkuzi, jew jekk tkun moralment konvinta li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, timxi fuq dik il-verzjoni li taccetta. Jekk din tal-ahhar tigi accettata allura l-Qorti ghandha issib htija.[35]

Fil-kawza **Pulizija vs Joseph Thorn**[36], il-Qorti esprimiet ruhha hekk:-

> *'…..mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-librerazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f' kaz ta' kunflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond kriterji annuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hiex trid temmen u ma temminx.'*[37]

[34] Pagna 5.
[35] Il-Pulizija vs Mark Ciappara deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002.
[36] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003.
[37] Ara ukoll l-artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 dwar il-fatt li xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed biex tinstab htija.

B'hekk il-Qorti fliet sew dak li intqal kemm mill-parte civile, mill-imputat kif ukoll mix-xhieda indipendenti li ttellghu mill-partijiet u li la ghandhom minn-naha u lanqas mill-ohra. Ix-xhieda tal-parte civile u l-parte civile infushom kienu konsistenti f'dak li qalu. Wara kollox anki l-imputat jammetti l-fatti kif graw b'mod kronologiku u b'lucidita'. Ovvjament, kif kien mistenni hu jimminimizza certa affarijiet, anzi jghid li lil Francois Borg ihobbu daqs uliedu. Il-Qorti ma ghandhiex mezzi kif tiddubita minn dan, anzi zzid tghid li bil-mod tieghu, **li l-Qorti ghandha riservi kbar dwaru**, kemm lil martu kif ukoll lil uliedu bniet ihobbhom, pero' wara l-incident tal-batterija mill-fatti li ghandha quddiemha l-Qorti temmen li f'mohh l-imputat iskattat rabja kriminali li wasslitu fejn qieghdin illum.

**Ikkunsidrat:**

L-Avukat Generali jghid li l-imputat ghandu jinstab hati ukoll taht l-artikoli 251B u 251(H)(a)(b).

Ir-reat taht l-artikolu 251B(1) il-ligi tesigi li jkun hemm *course of conduct* ghall-esistenza tieghu. Ikompli jinghad li l-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubbju dettant mir-raguni tlett elementi biex dan ir-reat jigi ippruvat, ossija li:

1. L-imgieba ta' imputat tkun tali li
2. Permezz taghha huwa jikkaguna lil haddiehor
3. Biza' li ser tintuza vjolenza kontra l-persuna jew proprjeta' tieghu jew ta' persuni qrib tieghu skont kif imfisser.

Barra minn dan tali imgieba trid tkun mifruxa fuq aktar minn okkazjoni wahda. Incident wahdieni maghmul f'okkazjoni wahdanija mhux

bizzejjed biex tintegra dan ir-reat. Irid ikun hemm aktar minn episodju wiehed mifrux fuq aktar minn okkazjoni wahda u li turi repetizzjoni. Dan hu kjarament dak li qalu l-Qrati tal-Appell taghna fil-kazijiet segwenti:

**Il-Pulizija vs Alex Caruana Carabez**[38]**; Il-Pulizija vs Massimo Trivisin**[39]**, Il-Pulizija vs Raymond Parnis**[40]**, Il-Pulizija vs Julian Genovese**[41]**, Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar**[42]**, Il-Pulizija vs Brian Micallef** [43]**u il-Pulizija vs Deemer Tabone**[44] fost numru ta' kazijiet ohra.

L-imputat ikkaguna biza' fuq il-parte civile, pero', dan jista' jinghad li gie ippruvat biss fil-konfront ta' Francois Borg. Mill-assjem tal-provi huwa ultra milli car li, tal-anqas fil-perjodu mertu ta' dawn il-proceduri, l-imputat ma kellux xi intenzjoni diretta jew indiretta li jaghmel xi hsara fizika fuq martu jew uliedu. Jidher li dak li gara fir-rigward tal-incident tal-batterija u kif gab ruhu wara l-parte civile Francois Borg urta bil-kbir lill-imputat. Mill-assjem tal-provi ta' martu u ta' uliedu jidher li l-imputat huwa padre padrone u huwa persuna irraxxibbli meta xi wiehed jikkuntrarjah u jrid jaghmel biss ta' rasu u tieghu biss tajjeb. Jahseb li d-dinja ddur mieghu u jahseb li billi ma jhallix lil martu u lil uliedu neqsin allura jista' jikkmanda, jordna u kulhadd jaghmel li jghid hu biss. Il-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza li din hija tip ta' imhabba u irreagixxa kif irreagixxa ghax ihobb. L-affarijiet materjali huma important, pero' daqstant importanti fir-relazzjoni mal-bnedmin, specjalment mal-familjari kwalitajiet ohra.

---

[38] Inghatat fil-21 ta' Gunju 2007.
[39] Inghatat fis-27 ta' Frar, 2009.
[40] Inghatat fl-24 ta' April, 2009.
[41] Inghatat fit-12 ta' Awwissu 2010.
[42] Inghatat fl-24 ta' Jannar 2011.
[43] Inghatat fl-14 ta' Ottubru 2011.
[44] Inghata fl-15 ta' Lulju 2016.

Din il-Qorti mhux ha taccetta attitudnijiet bhal tal-imputat li ghax ma tghaddix tieghu, u tieghu biss allura joqghod ipacpac fil-vojt u jhedded lil dak u lil iehor li ser jaghmillu hsara fizika u jhabbtu ma hemm u ma hawn u ser ikissirlu l-ghadam! Din l-imgieba ma timpressjonax lill-Qorti u mhux tollerabbli f'socjeta' civili. Ladarba l-imputat kien imweggha b'dak li dehrlu li ghamel Francois Borg, li hu koncess forsi kien ukoll esagera minn-naha tieghu kif qata' hesrem ir-rapport mal-kunjatu tieghu wara l-incident tal-batterija, kellu jikkalma, jikkomponi ruhu, ma jwebbisx rasu, jisma' minn martu, minn uliedu u kemm hbieb tieghu u jmur ikellem u jirraguna ma' Borg u mhux kull ma min tkellem fil-gimghat wara l-incident qallu li ha jaghmillu l-hsara fizika.

Il-Qorti tara li huma attendibbli ferm id-depozizzjonijiet ta' Vince Farrugia u Victor Schembri li dawn huma hbieb ta' l-intimat u tal-parte civile Francois Borg. Ghalhekk, il-Qorti temmen li b'mod konsistenti u fuq medda ta' gimghat qabel l-arrest tieghu, l-imputat beda serjament iberrinlu f'mohhu li jaghmel hsara fizika lil Francois Borg. **Bil-paroli u l-imgieba tieghu bezza' lil martu u lil uliedu kif ukoll ir-ragel ta' bintu, ossija Francois Borg, li effettivament dak li qed jhedded li jaghmel kien fil-fatt ser jaghmlu u sahansitra qal '<u>li ser jisparalu</u>' barra affarijiet serji ohra.** Dan maghdud il-fatt li l-imputat kellu zewg armi fid-dar u di piu' minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Dunque, il-partijiet civile kellhom ragunijiet validissimi ghalfejn jibzghu minn dak li kien qed jghid u kif kien qed jagixxi l-imputat u ghamlu sew irrikorrew ghand il-pulizija.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ha ssibu <u>hati</u> taht l-Artikolu 251B(1) u 251(H)(b) pero' <u>mhux hati</u> taht l-artikolu 251(H)(a).

**Ikkunisidrat:**

L-akkuzat qed jigi akkuzat li kellu fil-pussess tieghu arma jew armi minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Mhux korretta d-difiza meta fit-trattazzjoni finali taghha tghid li dawn ma jinstabux fl-atti u li dawn qatt ma gew pprezentati. Dawn fil-fatt gew ezebiti fit-3 ta' Gunju 2020 mill-allura spettur, illum supretendent Trevor Micallef. Fil-fatt jinsabu ezebiti a folio 22 tal-process.

Il-Qorti ftit ghandha xi tghid fuq l-imputazzjoni taht l-artikolu 5 (1) tal-Kap 480 Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta. Il-pussess taghhom gie ammess fl-istqarrija minnu maghmula waqt li kien qed jigi interrogat barra li nstabu fil-fond residenzjali tieghu. Il-Prosekuzzjoni wkoll gabet ix-xhud li qal li l-imputat ma ghandu l-ebda licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm jew igorr l-armi. Jidher ukoll li l-armi kienu ilu ghandu ghal diversi snin u mhix difiza ghalih li jghid li dawn kien sabhom missieru u kien zammhom bhala rikordju tieghu. Jekk vera kien hekk kellu l-obbligu li jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija fi zmien stipulat.

Il-Qorti thares lejn il-pussess ta' armi b'serjeta' kbira u allura inkwetata ferm kif l-imputat ghal zmien twil haseb li l-fatt li l-armi mhux registrati mal-Kummissarju tal-Pulizija meta huwa lanqas biss ghandu licenzja ukoll mhu xejn serju. **Il-Qorti assulutament ma taqbilx ma tali atteggjament u perspettiva.**

Ghaldaqstant il-Qorti ser issibu <u>hati</u> tal-akkuza 5 (1) tal-Kap 480 tal-Att Dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Artikolu 141 tal-Kap 9 – Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta jaqra testwalment is-segwenti:

> *Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubblikuli jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.*

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Josef Galea** (Appell Nru. 193/2010) mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef David Scicluna deciza fid-29 ta' Settembru 2010 intqal fuq dan l-artikolu s-segwenti:

> '*L-ewwelnett, b' referenza ghat-tielet aggravju in kwantu jirrigwarda l-aggravanti skond l-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biex ikun hemm l-applikabilita' ta' dan l-artikolu, l-ufficjal pubbliku koncernat irid ikun ikkommetta r-reat " li huwa kellu jissorvelja biex dan ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi". Meta sehh l-incident in kwistjoni, l-appellant ma kienx qieghed jezercita id-dmdirijiet kif provdut fl-Avviz Legali 66/1980 intitolat Ordni dwar l-Ghoti ta' Setghat lill-Forzi Armati ta' Malta….'.*[45]

L-imputat huwa ufficjal tal-Protezzjoni Civili. Dan gie ampjament ippruvat mill-Prosekuzzjoni, pero' ma jfissirx li l-akkuza taht dan l-

---

[45] Ara ukoll f' dan is-sens **Il-Pulizija (Spettur Anthony Cassar) vs Carmelo Joseph Psaila** (App. Nru. 569/2012MM) deciza fis-6 ta' Marzu 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onr. Imhallef Michael Mallia u **Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli** (App. Nru. 188/2007) deciza fl-20 ta' Settembru 2007 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Vincent De Gaetano.

artikolu tissussisti. Il-Qorti ma jidhrilix li l-mansjoni ta' pumpier hija konsona ma' l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat u li fuqhom ser tinstab htija b'mod partikolari l-artikolu 251B tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet tal-Armi. Il-kazistika f'dan is-sens hija cara f'ghajnejn il-Qorti, ossija l-funzjoni tal-ufficjal pubbliku, trid tkun intrinsikament marbuta mal-qadi ta' dmirijietu biex jissorvelja li DAWK id-disposizzjonijiet partikolari li allegatament ikun qed jigi akkuzat bihom u allura tkun il-Qorti ser issib htija fuqhom ikollhom ma jinkisrux. B'hekk l-akkadut irid ikollu x'jaqsam b'mod dirett ma' dawk il-mansjonijiet tal-ufficjal pubbliku.

Il-membru tal-Protezzjoni Civili mhux ufficjal tal-Korp tal-Pulizija u allura mhux marbut li johrog per ezempju licenzji tal-armi jew li jaghmel xi sorveljanza biex armi ma jigux fil-pussess ta' terzi minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-istess ghandu jinghad ghal min jahdem fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili f'dak li ghandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' ordni pubbliku u familjari.

Ghaldaqstant, il-Qorti <u>mhux</u> ser isibu hati li kiser l-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Ghar-rigward tal-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 339(1)(e) li taqra:

*'jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni';*

Fil-kaz il-**Pulizija vs Joseph Frendo** moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-21 ta' Jannar 2011 intqal:

> 'Fil-kuntest ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplati band' ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettat li tiddependi mill-volonta' ta' l-istess agent[46].'

Jidher li l-ebda ingurja jew theddid diretta ma' kien dirett lejn Francois Borg jew xi membri tal-familja Cassar. Anki jekk wiehed jaccetta, u il-Qorti qed tilqa' it-tezi tal-Prosekuzzjoni u l-parte civili li l-imputat qal xi diskors li ried jaghmel hsara lil Francois Borg dan bl-ebda mod ma qalu direttament lilu u ghaldaqstant qatt ma tista' tikkonfigura din il-kontravenzjoni. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat b'xi mod hedded jew ingurja lil martu jew lil uliedu, tal-anqas fil-perjodu inkriminanti.

Ghaldaqstant il-Qorti mhux ser issibu hati taht l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 141, 251B, 251H (a)(b), 339(1)(e), 383(1), 384, 385, 412C u 533 tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 5(1) tal-Kap 480 Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib l-imputat HATI tal-akkuzi taht l-artikoli 251B, 251H(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-

[46] Quotata b' approvazzjoni mill-istess Qorti ta' Appell fil-P vs Caven Cutajar App Nru. 75/2020 per Imhallef Consuelo Scerri Herrera datata 165 ta' Settembru 2020 pg. 19.

artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta. MA SSIBUX hati taht l-artikoli 251(H)(a), 339(1) (e).

Ma tiehux konjizzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghax ma nhatrux esperti waqt il-proceduri.

U in vista’ tal-fattispeci kollha tal-kaz, inkluz ghal fatt tal-fedina penali kwazi nadifa tal-imputat kif ukoll ghall-fatti li milli jidher il-kondotta tieghu fi hdan il-Protezzjoni Civili hija wahda impekkabbli l-Qorti tawgura li dan l-incident jibqa’ wiehed izolat u li bi ftit ghaqal il-partijiet isibu it-triq ‘l quddiem ghalihom u ghall-familjari taghhom.

Bis-sahha tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum**.**

Ai termi tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat li ma jimmolesta bl-ebda mod lil Francois Borg, Jessica Borg, Grace Cassar u Miriam Cassar ghal perjodu ta’ sena mil-lum taht penali ta’ €1,000 kull wiehed.

Inoltre tordna l-armi esebiti mill-Prosekuzzjoni a folio 22 jigu ikkonfiskati u tordna lill-Registratur tal-Qrati Kriminali u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiddisponu minnhom skont il-ligi, u ghal dan il-ghan fi zmien hmistax mil-lum jipprezentaw nota in atti fejn jiddikjaraw kif espletaw din l-ordni.

Inoltre ai termini tal-artikolu 57 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna li l-Kummissarju tal-Pulizija jissospendi kull licenzja jew altrimenti ma johrog lill-imputat l-ebda licenzja tal-armi ghal perjodu ta’ **erba’ (4) snin** mill-lum.

Il-Qorti , in vista tal-fedina penali tsl-imputat u tal-kondotta tajba hafna fis-servizz li ta lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili, tirrakkomanda li ma jittiehdux passi ulterjuri amministrattivi fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti ukoll tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija in vista tal-armi konfiskati kif ukoll dak deciz dwar il-licenzja tal-armi tal-imputat.

Il-Qorti spjegat il-konsegwenzi jekk l-imputat ma jottemperax ruhu ma' din is-sentenza.

***(ft) Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur